23/11/2026
ESMA74–2119945926–3749

# Linji gwida

Dwar il-proċeduri standardizzati u l-protokolli tal-messaġġi skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014

# Werrej

1 Kamp ta' applikazzjoni ..... 3
2 Referenzi leġiżlattivi u taqsiriet ..... 4
2.1 Referenzi leġiżlattivi ..... 4
2.2 Abbrevjazzjonijiet ..... 4
3 Skop ..... 5
4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar ..... 6
4.1 Status tal-linji gwida ..... 6
4.2 Rekwiżiti ta' rapportar ..... 6
5 Linji gwida dwar il-proċeduri standardizzati u l-protokolli tal-messaġġi skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 ..... 7
5.1 Kamp ta' applikazzjoni ..... 7
5.2 Il-proċeduri standardizzati u l-protokolli għat-trażmissjoni ta' messaġġi ..... 8

# 1 Kamp ta’ applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għad-ditti tal-investiment u għall-awtoritajiet kompetenti tad-ditti tal-investiment.

**Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 6(2) u b’mod partikolari għall-proċeduri standardizzati u l-istandards tal-messaġġi li għandhom jintużaw għall-konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (CSDR).

**Meta?**

3. Dawn il-linji gwida japplikaw mis-7 ta’ Diċembru 2026.

# 2 Referenzi leġiżlattivi u taqsiriet

## 2.1 Referenzi leġiżlattivi

| | |
|---|---|
| CSDR | Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli. Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012[1] |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu[2] |
| Ir-Regolament tal-ESMA | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[3] |
| MiFID II | Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE[4] |
| Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investiment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva[5] |

## 2.2 Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| ESMA | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| KE | Il-Kummissjoni Ewropea |
| SESF | Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja |
| UE | Unjoni Ewropea |

[1] ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1
[2] ĠU L 230, 13.9.2018, p. 1
[3] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84
[4] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349
[5] ĠU L 87, 31.3.2017, p. 1

# 3 Skop

4. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 6(2) tas-CSDR. L-objettivi ta' dawn il-linji gwida huma li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-SESF u li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tas-CSDR kif issupplimentat mill-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229.

5. Ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 6(2) tas-CSDR u speċifikat aktar fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/1536 [6] huwa ffokat fuq il-preparazzjoni tal-proċess ta' saldu: id-ditti ta' investiment għandhom jiżguraw li jkollhom, sa kemm hu possibbli, id-dettalji kollha meħtieġa għas-saldu fil-jum tan-negozju li fih iseħħ it-tranżazzjoni. Biex jiksbu dan, id-ditti ta' investiment li ma jkollhomx diġà l-informazzjoni meħtieġa dwar is-saldu għandhom jikkomunikaw mal-klijenti tagħhom sabiex jiksbu l-informazzjoni rispettiva, li għandha tinkludi data standardizzata utli għall-proċess tas-saldu.

6. B'mod partikolari, id-ditti ta' investiment huma mistennija, fejn applikabbli, jieħdu miżuri biex jillimitaw l-għadd ta' nuqqas ta' saldu skont l-Artikolu 6(2) tas-CSDR. Skont dan l-Artikolu, l-ESMA żviluppat standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika fost l-oħrajn id-dettalji tal-miżuri ta' allokazzjoni u ta' konferma u tal-proċeduri bejn id-ditti ta' investiment u l-klijenti professjonali tagħhom li jiffaċilitaw is-saldu, li ġew inklużi fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229. Din id-dispożizzjoni ġiet riveduta mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/1536.

7. Biex dan jiġi kkomplementat, l-ESMA hija mistennija wkoll skont l-istess Artikolu, li tiżviluppa linji gwida dwar il-proċeduri standardizzati u l-protokolli għat-trażmissjoni ta' messaġġi li għandhom jintużaw għall-konformità ma' dan ir-rekwiżit.

8. Għalhekk, dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jikkjarifikaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit inkluż fl-Artikolu 6(2) ta' CSDRu jipprovdu gwida dwar il-proċeduri standardizzati u l-istandards għat-trażmissjoni ta' messaġġi li jintużaw għall-finijiet ta' konformità ma' tali rekwiżit.

[6] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/1536 tas-6 ta' Lulju 2026 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu.

# 4 Obbligi ta’ konformità u ta’ rapportar

## 4.1 Status tal-linji gwida

9. F’konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw ma’ dawn il-linji gwida.

10. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq, inkluż fejn linji gwidi partikolari jkunu maħsuba primarjament għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. F’dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, permezz tas-superviżjoni tagħhom, li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkonformaw mal-linji gwida.

## 4.2 Rekwiżiti ta’ rapportar

11. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda biħsiebhom jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u mhumiex biħsiebhom jikkonformaw mal-linji gwida. Il-mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jintbagħat lill-ESMA.

12. F’każ ta’ nuqqas ta’ konformità, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinnotifikaw ukoll lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida.

13. Il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma’ dawn il-linji gwida.

# 5 Linji gwida dwar il-proċeduri standardizzati u l-protokolli tal-messaġġi skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014

## 5.1 Kamp ta' applikazzjoni

***Linja Gwida 1:*** Id-ditti ta' investiment għandhom jiżguraw li, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikolu 6(2) tas-CSDR jiġu rrispettati minnhom u mill-klijenti professjonali tagħhom kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 4(1) tal-MiFID II meta jitqiesu r-rwoli tagħhom f'kull tranżazzjoni ta' titoli.

Id-ditti ta' investiment u l-klijenti professjonali għandhom jiftiehmu kuntrattwalment dwar l-arranġamenti msemmija f'dawn il-linji gwida. Madankollu, dawn il-ftehimiet jistgħu jiġu dokumentati f'kull forma li hija legalment vinkolanti.

14. Meta żewġ entitajiet liċenzjati bħala ditti ta' investiment ikunu qegħdin jiffaċċjaw lil xulxin fi tranżazzjoni dwar strumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) tas-CSDR, ir-rwoli rispettivi ta' kull entità fit-tranżazzjoni kkonċernata għandhom jiġu analizzati sabiex tiġi identifikata liema entità għandha titqies bħala d-ditta ta' investiment u bħala l-klijent għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti.

15. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tas-CSDR għandhom japplikaw biss għal relazzjonijiet li jinvolvu ditta ta' investiment u klijent professjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ta' MiFID II. Dan ifisser li meta MiFID II ma tapplikax għal ċerti persuni (eż. persuni eżentati skont l-Artikolu 2 ta' MiFID II ), lanqas tali rekwiżiti ma għandhom japplikaw.

16. Biex jiġi evitat kull dubju, entità li tagħmel parti mil-lista prevista mit-Taqsima I tal-Anness II għal MiFID II għandha titqies bħala klijent professjonali għall-finijiet tal-Artikolu 6(2) tas-CSDR, irrispettivament mill-fatt li d-ditta ta' investiment setgħet, b'mod ġenerali jew għal xi tranżazzjonijiet jew servizzi speċifiċi, ikklassifikatu bħala kontroparti eliġibbli, fis-sens tal-Artikolu 30(2) ta' MiFID II, jew klijent mhux professjonali.

***Linja Gwida 2:*** Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tas-CSDR għandhom japplikaw fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) tiegħu, jiġifieri:

a. titoli trasferibbli, kif definiti fil-punt 35 tal-Artikolu 2(1) tas-CSDR;

b. strumenti tas-suq monetarju, kif definiti fil-punt 37 tal-Artikolu 2(1) tas-CSDR;

c. unitajiet f'impriżi kollettivi, kif definiti fil-punt 38 tal-Artikolu 2(1) tas-CSDR, u

d. kwoti tal-emissjonijiet, kif definiti fil-punt 39 tal-Artikolu 2(1) tas-CSDR.

## 5.2 Il-proċeduri standardizzati u l-protokolli għat-trażmissjoni ta' messaġġi

***Linja Gwida 3:*** Ditta ta' investiment għandha taqbel mal-klijent professjonali tagħha dwar il-metodi ta' komunikazzjoni standardizzati elettroniċi u l-proċeduri u l-istandards ta' komunikazzjoni miftuħa u internazzjonali għat-trażmissjoni ta' messaġġi u d-data ta' referenza msemmija fl-Artikolu 2(1)(34) tas-CSDR li għandhom jintużaw bejniethom bħala prattika regolari, biex timplimenta l-miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu jew jillimitaw in-nuqqas ta' saldu deskritti fl-Artikolu 6(2) tas-CSDR u fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229.

Eżempji mhux eżawrjenti ta' metodi ta' komunikazzjoni standardizzati elettroniċi jinkludu emails jew interfaċċi grafiċi tal-utent, dment li l-kontenut tal-allokazzjonijiet u l-konfermi jkun strutturat b'tali mod li l-applikazzjonijiet tas-software ikunu jistgħu jidentifikaw, jirrikonoxxu u jieħdu faċilment data speċifika, inklużi dikjarazzjonijiet ta' fatt individwali, u l-istruttura interna tagħhom.

Dawn il-miżuri jistgħu jintwerew kif ġej:




17. Id-ditta ta' investiment u l-klijent professjonali tagħha jistgħu jorganizzaw il-komunikazzjoni fil-pront ta' din l-informazzjoni b'diversi modi:

    a. **Billi tintbagħat kemm ta' konferma miktuba kif ukoll ta' allokazzjoni miktuba (** ) mill-klijent professjonali lid-firma ta' investiment tiegħu;

    b. **Billi ma tintbagħat l-ebda konferma bil-miktub:** Meta l-konferma bil-miktub tkun inkluża fl-allokazzjoni bil-miktub skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229, id-ditta ta' investiment u l-klijent professjonali jistgħu jaqblu li l-konferma bil-miktub tat-termini tat-tranżazzjoni tista' tiġi pprovduta f'qasam addizzjonali inkluż fl-allokazzjoni bil-miktub, jew tiġi implikata fit-trażmissjoni tal-allokazzjoni bil-miktub li tikkorrispondi għal dik it-tranżazzjoni;

c. **Billi ma tintbagħat l-ebda konferma bil-miktub u lanqas allokazzjoni bil-miktub:** Meta ma tintbagħat l-ebda konferma jew allokazzjoni bil-miktub skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229, id-ditta ta' investiment għandha tiżgura li din tingħata l-informazzjoni tas-saldu meħtieġa msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 fir-rigward ta' dik it-tranżazzjoni qabel il-perjodi ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 2(2) tiegħu, inkluż b'mod orali jew permezz ta' sistemi li jagħtu aċċess lid-ditta ta' investiment għall-informazzjoni rilevanti (pereżempju permezz tal-aċċess għal bażi ta' data ċentralizzata).

18. Il-konsegwenzi ta' (i) il-komunikazzjoni tardiva, (ii) nuqqas ta' komunikazzjoni fil-format u bil-metodu miftiehma, jew (iii) nuqqas totali ta' komunikazzjoni tal-allokazzjoni u tal-konferma bil-miktub (jew ta' parti mill-informazzjoni mitluba fihom) lid-ditta ta' investiment mhumiex indirizzati fil-CSDR, u lanqas fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229. Il-konsegwenzi ta' tali dewmien jew nuqqas jistgħu jiġu indirizzati mid-ditta ta' investiment u mill-klijent professjonali fil-ftehim tagħhom.

**Linja Gwida 4:** Id-ditta ta' investiment u l-klijent professjonali tagħha għandhom jaqblu wkoll li, f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà teknika temporanja debitament dokumentata jew interruzzjoni tas-servizz li taffettwa kwalunkwe parti, għandhom jiġu aċċettati metodi alternattivi ta' komunikazzjoni li jippermettu komunikazzjoni bil-miktub tal-allokazzjonijiet u l-konfermi.

Eżempji mhux eżawrjenti ta' metodi alternattivi ta' komunikazzjoni jinkludu l-posta, il-faksijiet, mezzi elettroniċi oħra li ma jistgħux jinqraw minn magna, kif miftiehem bejn id-ditta ta' investiment u l-klijent professjonali tagħha.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn ta' nuqqas ta' disponibbiltà teknika jew interruzzjoni tas-servizz, id-ditta ta' investiment u l-klijent professjonali tagħha jistgħu jaqblu wkoll dwar l-użu ta' telefonati, dment li dawn jiġu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 16(7) tal-MiFID II u l-Artikolu 76 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565.

Għal dan il-għan, "nuqqas ta' disponibbiltà teknika temporanja jew interruzzjoni tas-servizz" tirreferi għal sitwazzjoni li tipprevjeni l-użu ta' metodi ta' komunikazzjoni li l-applikazzjonijiet tas-software jistgħu faċilment jidentifikaw, jirrikonoxxu u jieħdu data speċifika minnhom, inklużi dikjarazzjonijiet individwali ta' fatt u l-istruttura interna tagħhom.

19. Id-ditti ta' investiment għandhom jiżguraw li l-klijenti professjonali tagħhom jużaw proċeduri u standards internazzjonali ta' komunikazzjoni miftuħa għall-messaġġi u d-dejta ta' referenza kif definit fl-Artikolu 2(1)(34) tal-CSDR.